# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Jannar, 2002**

**Numru 134**

**Citaz. numru: 2213/99 M1 NA**

**Marco Borg**

**vs**

1. **Henry Scicluna**
2. **Direttur tar-Registru Pubbliku**
3. **Michele Scicluna, f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' bintha minuri Kyra sallum kunjomha Scicluna; u b'digriet tal-10 ta' Novembru 1999 giet nominata kuratrici *ad litem***

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-12 ta' Ottubru 1999 fejn ippremetta:

"Illi l-konvenut Henry Scicluna w il-konvenuta Michele Scicluna kienu kkuntrattaw zwieg fit-18 ta' Novembru 1988 u peress illi minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt ulied minuri Hannah li llum ghandha 4 snin u Kyra li llum ghandha 3 snin;

Illi cirka erba' snin ilu u qabel il-koncepiment tal-minuri Kyra sa llum kunjomha Scicluna l-konvenuta Michele Scicluna kienet isseparata *de facto* minn ma' zewgha Henry Scicluna kif ghadha sallum hlief ghal ftit xhur fejn kien hemm attentat ta' rikonciljazzjoni;

Illi in realta' l-missier naturali tal-minuri Kyra sallum kunjomha Scicluna mhuwiex zewg Michele Scicluna l-konvenut l-iehor Henry Scicluna izda huwa l-attur kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u jekk hemm bzonn anke bit-tehid ta' kampjuni tad-demm tal-persuni kollha kkoncernati u kif *del resto* gie anke accettat mill-istess konvenut Henry Scicluna;

Illi fuq ic-certifikat tat-twelid ta' Kyra li twieldet fl-20 ta' Lulju 1996 hawn anness u mmarkat bhala Dokument "A", sallum kunjomha Scicluna, taht l-intestatura "Isem u Kunjom Missier it-Tarbija" gie ndikat isem u kunjom il-konvenut Henry Scicluna meta dan mhuwiex il-missier naturali tal-minuri u fil-

fatt il-missier naturali huwa l-imsemmi attur kif jigi ppruvat waqt il-kawza;

Illi mhuwiex fl-ahjar interess la tal-minuri Kyra sallum kunjomha Scicluna u lanqas fl-ahjar interess tal-konvenuti l-ohra Henry Scicluna u Michele Scicluna u lanqas fl-interess ta' l-attur illi l-minuri tibqa' tghix hajjitha gidba meta ufficjalment missierha huwa persuna differenti mir-realta' u mhux il-missier naturali taghha;

TALAB li, ghar-ragunijiet premessi u dawk li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-missier naturali tal-minuri Kyra li sallum iggib il-kunjom Scicluna u li twieldet fl-20 ta' Lulju 1996 mhuwiex l-imsemmi Henry Scicluna kif indikat fl-att tat-twelid numru 3333/1996 hawn anness u mmarkata bhala Dokument "A", izda li l-missier il-minuri huwa l-attur Marco Borg;

2. konsegwentement tordna illi fl-att tat-twelid tal-minuri Kyra sallum kunjomha Scicluna certifikat numru 3333/1996 u li twieldet fl-20 ta' Lulju 1996, jithassar l-

isem Henry Scicluna u l-konnotati ta' l-istess minn taht l-intestatura "Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-Missier" u floku jitpogga isem u kunjom u post tat-twelid ta' l-attur Marco Borg flimkien ma' kull konnotat ta' l-istess attur.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, il-lista tax-xhieda w id-dokument minnu esebit.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, tal-10 ta' Novembru 1999 fejn il-konvenuta Michele Scicluna giet nominata kuratrici *ad litem* tal-minuri Kyra.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku tat-13 ta' April 2000 fejn eccepixxa:

1. "Illi t-talbiet attrici jistghu jigu akkolti biss jekk dawn jinkwadraw ruhhom fi hdan il-provvedimenti tal-Kodici Civili;

2. Illi fil-mertu huwa mhux edott mill-fatti li taw lok ghall-kawza odjerna;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ghas-success ta' l-azzjoni odjerna l-attur ghandu jgib prova ta' l-impossibbilita' fizika ta' koabitazzjoni bejn il-konjugi Henry u Michele Scicluna fil-perjodu tal-probabbli koncepiment tat-tarbija;

4. Illi wkoll bla pregudizzju, ghal skopijiet ta' certezza u korrettezza, l-attur irid jindika d-dettalji personali huwa qed jitlob li jigu nseriti fl-att tat-twelid numru 3333/96, kif ukoll ghandu jitlob il-kancellament tal-kliem "the said" mill-kolonna li tirreferi ghal partikolaritajiet ta' l-omm, oltre l-fatt li fl-eventwalita' li t-talbiet attrici jigu akkolti, Marco Borg ghandu jigi ndikat bhala "missier illegittimu";

5. Illi peress li l-presenza ta' l-esponent fil-vertenza odjerna hija mehtiega biss ghall-finijiet ta' ezegwibbilita' tal-gudizzju, huwa m'ghandux ibati spejjez tal-kawza;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-lista tax-xhieda.

Fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2000 il-konvenut Henry Scicluna, apparti milli ta ruhhu b'notifikat, debitament assistit, ammetta ghat-talbiet attrici u dan wara d-dikjarazzjoni maghmulha fl-istess seduta mid-difensur ta' l-istess attrici. F'din is-seduta l-Qorti nnominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dottoressa Greta Agius biex tigbor il-provi. Il-konvenuta l-ohra Michele Scicluna, debitament notifikata, fl-1 ta' Novembru 2000 ma ghamlitx nota ta' l-eccezzjonijiet proprio et nomine u ma dehritx ghall-ewwel seduta quddiem din il-Qorti (kif, ghandu jinghad, ma dehritx ghas-seduti sussegwenti quddiem l-istess Qorti).

L-attur xehed quddiem l-Assistenta Gudizzjarja fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2000. Prattikament jikkonferma dak li xehdu l-genituri tal-konvenuta Michele Scicluna, l-istess Michele Scicluna u dak li kien xehed huwa stess f'affidavits li kienu gew minnu pprezentati fit-12 u 13 ta' Frar 2001 rispettivament. Hekk xehdu l-genituri tal-konvenuta Michele Scicluna: "*Konna kkonfrontajna lil Michelle pero' ghall-ewwel dina ma qaltilniex il-verita' pero' meta harget tqila b'Kyra fi zmien meta ma kienitx qed tghix ma' Henry kellha bil-fors*

*tammetti li kienet tqila u li t-tqala taghha ma kenitx rizultat ta' relazzjoni ma' zewgha imma tal-persuna li kienet qed tara.*" Invece l-konvenuta Michele Scicluna tammetti ghat-talbiet attrici meta tghid: "*Meta Hannah kellha xi sitt xhur u waqt li kont qed nghix wahda maghha f'Reggie Miller Street, Sliema, hrigt tqila b'Kyra mir-relazzjoni li kelli ma' Marco Borg*", u wara li tispjega li wara li hija u zewgha ppruvaw jirrikonciljaw bla success u ghalhekk finalment isseparaw konsenswalment, tkompli b'dan il-mod: "*Fl-istess kuntratt ta' separazzjoni zewgi rrikonoxxa illi Kyra mhiex il-wild naturali tieghu u fil-fatt irrinunzja ghad-drittijiet kemm ta' kura u kustodja kif ukoll ta' patria potestas fuq Kyra kif jirrizulta mill-anness kuntratt mmarkat Dokument "A".*" Dawn il-fatti huma kollha kkonfermati mill-attur: "*F'dawk iz-zminijiet u meta kienet ghadha d-dar konjugali fil-perjodu ta' rikonciljazzjoni kienet intebhet li harget tqila u li t-tarbija li kien se jkollha bilfors kienet tieghi. Dan il-fatt sahhah id-decizjoni kemm taghha u kemm tieghi illi ahna nifformaw familja u b'dan Michelle kienet avzat lil zewgha, li ghalkemm baqa' ghal snin jipprova jibdel id-decizjoni ta' Michelle, fl-ahhar accetta li ssir separazzjoni bejnu u bejn Michelle f'liema separazzjoni huwa wkoll accetta l-fatt illi Kyra ma kienitx bintu izda kienet binti.*" Skond hu, u dan huwa wkoll ikkonfermat mix-xhieda l-ohra, meta Michele

kienet tmur ghand it-Tabib in konnessjoni mat-tqala ta' din it-tarbija kien imur maghha hu u mhux il-konvenut zewgha, filwaqt li hu kien attenda ghat-twelid tat-tarbija u mhux Henry Scicluna.

Fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2001 il-Qorti giet infurmata li l-provi gew konkluzi u li l-kawza setghet tibqa' differita ghas-sentenza, kif giet differita, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi minkejja dak li jipprovdi l-Artikolu 81 tal-Kodici Civili ma jistax jinghad illi f'dan il-kaz il-minuri lahqet akkwistat stat ta' bint legittima liema stat huwa konformi ma' l-att tat-twelid. Ma tistax minuri takkwista u tippossjedi dan l-istat meta sa minn ftit zmien wara t-twelid dan l-istat jigi kkontestat minn kull min jista' jkollu interess - f'dan il-kaz l-omm, il-missier naturali u l-missier allegat u meta dan l-istat huwa biss ezistenti minhabba l-formolaritajiet li jezistu fir-rigward ta' registrazzjoni ta' tarbija. Huwa f'dawn ic-cirkostanzi li jidhol id-dritt ta' minuri, kif debitament rapprezentat, li takkwista stat, hu x'inhu, pero' in konformita' mal-paternita' u maternita' reali u attwali taghha. Din hija l-gustizzja w is-saggezza ta' l-Artikolu

77 tal-Kodici Civili li jippermetti li ssir azzjoni bhal dik odjerna meta, fil-fehma tal-Qorti, bhal fil-kaz prezenti, ir-rekwiziti ta' dan l-Artikolu gew sodisfatti sal-grad rikjest f'kawza civili anke wahda ta' din in-natura u mehud, jigi ripetut, mad-dritt tal-minuri li jkollha stat legali li jaqbel mal-paternita' vera taghha.

Dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu lill-Qorti biex tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-missier naturali tal-minuri Kyra li sallum iggib il-kunjom Scicluna u li twieldet fl-20 ta' Lulju 1996 mhuwiex l-imsemmi Henry Scicluna kif indikat fl-att tat-twelid numru 3333/1996 izda li l-missier il-minuri huwa l-attur Marco Borg;

2. konsegwentement tordna illi fl-att tat-twelid tal-minuri Kyra sallum kunjomha Scicluna certifikat numru 3333/1996 u li twieldet fl-20 ta' Lulju 1996, jithassar l-isem Henry Scicluna u l-konnotati ta' l-istess minn taht l-intestatura "Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-Missier" u floku jitpogga isem u kunjom u post tat-twelid ta' l-attur Marco Borg flimkien ma' kull konnotat ta' l-istess attur, b'dan li ghandu jigi inserit u mizjud dak indikat mill-

konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku fir-raba' eccezzjoni tieghu fl-istess waqt li ssir il-korrezzjoni mitluba.

Fic-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu ugwalment bejn l-attur u l-konvenuta Michele Scicluna proprio u dan peress illi l-konvenuti l-ohra ma ghandhomx ibatu spejjes tal-kawza.

Finalment kopja ta' din is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku mir-Registratur ta' dawn il-Qrati kif rikjest mil-ligi.

Deputat Registratur

rf.